# Q O R T I  Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Guramentat Nru. 132 / 14RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-25 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti A u C, konjugi D, izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tlett itfal li jisimhom E, F u G li ghandhom rispettivament wiehed u ghoxrin sena (21), sittax-il sena (16) u tnax-il sena (12);

Illi billi l-hajja ta' bejniet il-konjugi D ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet gravi u ragunijiet ohra illi kienu sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni, huma sseparaw de facto fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), liema separazzjoni hija regolata permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Personali, insinwat 1352/07, fit-8 ta' Jannar 2007, fl-Atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono;

Illi jigi relevat li fl-istess kuntratt, hawn fuq citat, klawsola numru 5, gie stabbilit illi l-intimat, C D, obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija (LM141) ekwivalenti ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u

hamsa u erbghin centezmu (€328.45) lill-esponenti, kull xahar bil-quddiem, liema ammont ta' flus huwa rapprezentanti l-manteniment dovut ghat-tlett uliedu. In oltre, da nil-manteniment kellu jigi rivedut kull sentejn (2) skont l-indici u r-rata ta' inflazzjoni mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u ma kellux jinbidel fkaz illi l-intimat jibdel l-impjieg tieghu u jkun hemm awment fl-introjtu tal-istess intimat;

Illi, in oltre, l-esponenti giet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tlett (3) uliedha, cioe' E, Fh u G, li fi zmien tas-separazzjoni personaIi bejn il-kontendenti kellhom l-eta ta' erbatax (14), disgha (9) u hames (5) rispettivament;

Illi, issa li ghaddew seba' (7) snin mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn ir-rikorrenti A B u l-intimat C D, l-esponenti tirrileva illi hija qatt ma rceviet ebda pagament ta' manteniment minkejja illi hija dejjem hadet hsieb it-tlett uliedha kif inhu xieraq u dejjem ghamlet l-almu kollu taghha sabiex tassikura li hadd minn uliedha ma jkun jonqsu xejn, kemm fir-rigward ta' bzonnijiet ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja inkluzi spejjez medici u edukattivi.

B'dana stabbilit, ir-rikorrenti A B, filwaqt li qieghda umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tirkupra l-manteniment dovut lilha sa mid-data tas-separazzjoni personali taghha minn ma' l-intimat, C B, cioe s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezimu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7), kif ukoll l-ammont ta' erbghatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe' elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak hawn fuq premess, jghid ghaliex l-intimat m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimat C D huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti A B ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezimu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7) snin konsekuttivi, kif ukoll l-ammont ta' erbghatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin;

2. Tillikwida, tivverifika u ticcertifika illi tali ammont globali dovut rapprezentanti manteniment u spejjez edukattivi huwa wiehed cert u dovut, u fin-nuqqas tasal ghall-ahjar komputazzjoni taghha fl-interess ukoll tal-minorenni u 1-hlas tal-istess manteniment u spejjez edukattivi fuq l-istess perkors taz-zmien li 1-

intimat C D naqas li jonora; jigi rivedut kull sentejn (2) skont l-indici u r-rata ta' inflazzjoni mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u ma kellux jinbidel f'kaz illi l-intimat jibdel l-impjieg tieghu u jkun hemm awment fl-introjtu tal-istess intimat;

3. Tordna lill-intimat, C D, jersaq ghall-hlas tas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€27,589.80), rapprezentanti tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezimu (€328.45) kull xahar ghal seba' (7) snin konsekuttivi, kif ukoll l-ammont ta' erbatax il-elf Ewro (€14,000.00) rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe elfejn Ewro (€2,000.00) kull sena ghal seba' (7) snin, u dan fi zmien qasir u perentorju li din il-Wisq Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha datat 19 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu *inter alia* ordnat lill-attrici tipprezenta kopja legali tal-kuntratt mertu tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut;

Rat is-sentenza in parte taghha li permezz taghha, iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut billi ssospendiet il-proceduri u ordnat lill-attrici tistitwixxi l-proceduri ta' medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet taghha f'din il-kawza koncernanti l-manteniment ta' uliedha.

Rat iz-zewg digrieti taghha moghtija fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2017 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 1703/16, u ghalqet l-istess process ta' medjazzjoni filwaqt li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, awtorizzat lill-partijiet jipprocedu gudizzjarjament.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari rimanenti kif ukoll dwar il-mertu skont kif awtorizzati waqt l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2018;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti kollha l-ohra taghha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

**L-attrici A B xehdet permezz ta' zewg affidavits**ipprezentati fit-12 ta' Settembru 2014[1] u fit-23 ta' Ottubru 2015[2]. In succint, il-verzjoni taghha hija li wara li gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 4 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono, il-konvenut baqa' qatt ma hallas il-manteniment dovut ghal uliedu fis-somma ta' Lm47 fix-xahar ghal kull wild skont kif pattwit fil-kuntratt u lanqas l-ispejjez edukattivi taghhom. Xehdet li l-konvenut mar jahdem fl-Irlanda u ma zamm ebda kuntatt ma' uliedu, lanqas meta kien ikun Malta. L-attrici tghid ukoll illi ghalkemm hija kienet irrapportat lill-Pulizija n-nuqqas ta' zewgha li jhallas il-manteniment dovut skont il-kuntratt, il-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih ma kellhom ebda ezitu ghaliex il-konvenut ma kienx instab u qatt ma deher il-Qorti, ghalkemm kien wehel xi multi minhabba n-nuqqas li jidher ghas-seduti.

Kompliet tfisser illi minn mindu gie konkluz l-imsemmi kuntratt, hija rceviet hlas ta' manteniment minghand il-konvenut f'zewg okkazzjonijiet biss meta fis-sajf tas-sena 2013, huwa ddepozita s-somma ta' "200 u 150" fil-kont bankarju taghha. Skont l-attrici, il-konvenut qatt ma hallas xejn iktar u l-uniku ghajnuna u appogg finanzarju kif ukoll morali li sabet, kienet f'ommha Domenica B li ghadha tikkontribwixxi regolarment sal-lum ghall-ispejjez ghall-ghajxien tat-tliet ulied taghha.

L-attrici spjegat ukoll illi recentement, ikkuntattjatha s-siehba ta' zewgha bi proposta li jibdew ihallsuha s-somma ta' €300 fix-xahar.

**In kontro-ezami quddiem il-Qorti, l-attrici xehdet**[3] illi binha E kien diga` ghalaq l-eta` ta' 18-il sena meta hija fethet din il-kawza; illum ghandu 25 sena, Fh ghandha 20 sena u G ghandha 16-il sena. Ikkonfermat ukoll li filwaqt li uliedha kollha ghadhom jghixu maghha, E u Fh illum jahdmu u G tistudja fuq bazi *full-time* u tattendi l-iskola Giovanni Curmi, Naxxar. Skont l-attrici, E ilu jahdem sitt snin filwaqt li Fh ilha tahdem tliet snin.

In kwantu ghat-talba taghha ghall-hlas tas-somma ta' €14,000 rapprezentanti l-ispejjez edukattivi tat-tliet uliedha fuq perijodu ta' seba' snin, l-attrici fissret li t-tifel kien jattendi skola tal-Gvern fejn il-kotba u t-trasport biss kienu b'xejn izda xorta kien hemm spejjez ta' uniformijiet u *stationery*. Il-bniet kienu jattendu

[1] A fol. 11 *et seq*.
[2] A fol 37 *et seq.*
[3] Seduta tal-21 ta' Novembru 2017.

skola tal-Knisja fejn kien hemm spejjez ta' uniformijiet, kotba u transport. F'dan l-isfond l-attrici tghid li ghalkemm ma ghandhiex ricevuti, l-ispejjez li semmiet kellhom bil-fors isiru u hija kkalkulat spejjez ta' €2,000 fis-sena b'kollox. Mistoqsija jekk lil zewgha qattx tatu xi ricevuti biex tista' titlob minghandu l-hlas ta' nofs dawn l-ispejjez skont kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni, l-attrici wiegbet li qatt ma rat lil zewgha b'ghajnejha u ma kellha ebda kuntatt mieghu, ghaliex ma kienx jghix Malta dak iz-zmien izda fl-Irlanda. Issoktat tghid li lanqas qatt gie biex jara lit-tfal wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u ghalkemm kien hallas il-multi li kien wehel talli ma kienx deher fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontroh ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment, il-konvenut ma riedx ihallas sehmu tal-ispejjez biex lit-tifla jsirulha braces li kellha bzonn.

L-attrici kkonfermat ukoll in kontro-ezami illi hija rceviet biss is-somma totali ta' "350" minghand il-konvenut fis-sajf tas-sena 2013, u wara ftit taz-zmien is-siehba tal-konvenut ikkuntattjatha u iddepozitat xi tliet pagamenti fil-kont bankarju taghha. Skont l-attrici, ghalkemm hija talbet il-hlas tal-arretrati kollha tal-manteniment, kull ma gie depozitat fil-kont taghha kienu tliet pagamenti biss. Ikkonfermat ukoll illi l-konvenut kien hareg is-somma ta' €40,000 biex fiz-zwieg inxtrat id-dar matrimonjali li eventwalment wara s-separazzjoni nbieghet ghall-prezz ta' €115,000.

**Omm l-attrici Domenica B xehdet permezz ta' affidavit** ipprezentat fit-3 ta' Ottubru 2017 fejn spjegat illi wara s-separazzjoni bejn bintha u l-konvenut, bintha giet tghix ghandha bit-tfal ghaliex ma kellhiex fejn tmur, u l-hsieb kien li jibqghu jghixu maghha sakemm l-attrici tibda tfendi ghal rasha. B'danakollu, peress li A baqghet ma rceviet ebda hlas tal-manteniment minghand zewgha, ma setghetx taghmel pjanijiet u tfendi ghal rasha. Ix-xhud issoktat tispjega li hija kienet kbira wisq fl-eta` biex tiehu hsieb it-tfal ta' A wahdeha biex hi tmur tahdem jew tistudja. Ghalhekk A u t-tfal baqghu jghixu ghandha fuq il-pensjoni taghha, li minnha kellha thallas sal-inqas haga li kellhom bzonn it-tfal, inkluz uniformijiet, privatijiet, fees tal-ezamijiet. Tghid li ghamlet sagificcji kbar biex tara li t-tfal jikbru sewwa u ma jonqoshom xejn minhabba l-egoizmu ta' missierhom. Ix-xhud qalet ukoll illi anke wara li A sabet post u marret tghix ghal rasha bit-tfal, hija xorta wahda baqghet tixtrilhom l-ikel u hwejjeg ghaliex ma kellhomx flus bizzejjed u ghandha tmantihom sal-lum.

**Il-konvenut C D xehed permezz ta' Affidavit** ipprezentat fis-6 ta' Dicembru 2017 fejn ikkonferma illi l-ftehim raggunt ma' martu fil-kuntratt ta' separazzjoni kien illi huwa jhallas is-somma totali ta' Lm141 fix-xahar, cioe` s-somma ta' Lm47 ghal kull wild, kif ukoll nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u spejjez medici wara li jigi muri kopja tar-ricevuti relattivi. Jispjega illi huwa kien hallas is-somma ta' €40,000 li kien wiret minghand ommu, akkont tal-prezz tax-xiri tad-

dar matrimonjali li kienet inxtrat waqt iz-zwieg bejn il-partijiet, filwaqt li l-partijiet kienu hadu self bankarju ghall-kumplament tal-prezz fis-somma ta' Lm15,000.

Skont il-konvenut, wara li l-partijiet isseparaw u d-dar matrimonjali nbieghet, minflok ma ha sehmu proprju ta' Lm70,000 mill-prezz tal-bejgh, b'rifuzjoni tal-kreditu parafernali, huwa ha biss is-somma ta' Lm50,000 bhalma hadet ukoll l-attrici. Il-konvenut jispega li huwa ghazel biex jiehu s-somma ta' Lm20,000 inqas sabiex jaghti lil martu avvanz fuq il-manteniment tat-tfal. Jghid ukoll li ghalkemm huwa minnu li huwa obbligat ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u medicina tat-tfal, martu qatt ma wrietlu ebda ricevuta u lanqas qatt ikkuntattjatu u infurmatu li hemm xi hlas pendenti ta' manteniment jew spejjez tat-tfal.

Ikkunsidrat;

Il-klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, konkluz fl-4 ta' Jannar 2007 in atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono[4] li huma relevanti ghal din il-vertenza, huma *inter alia* is-segwenti:-

"*5. Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jivversa s-somma ta' mija u wiehed u erbghin Lira Maltija (Lm141) kull xahar lil martu bhala mateniment ghal uliedu u cioe` sebgha u erbghin Lira Maltija (Lm47) ghal kull wild, pagabbli kull xahar bil-quddiem. Ir-ragel jibqa' obbligat li jivversa l-imsemmija somma lill-mara sakemm uliedu jaghlqu t-tmintax (18)-il sena, jew jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew jizzewgu, liema minnhom tavvera ruhha l-ewwel. F'kas li xi hadd mill-ulied ma jibqax jghix mal-omm, il-manteniment li jikkoncerna dan il-wild jittermina ipso facto. Dan il-manteniment jgi rivedut kull sentenjn skont l-indici u r-rata tal-inflazzjoni mahruga mill-awtoritajiet kompetenti, u ma jinbidilx jekk ikun hemm awment fl-introjtu tar-ragel. L-imsemmi manteniment huwa dovut minn u inkluz Settembru elfejn u sitta (2006).*

*6. Il-partijiet qeghdin jintrabtu illi l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet f'ishma indaqs bejneithom, u ghaldaqstant ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jhallas nofs l-imsemmija spejjez wara li l-Mara tipprezenta r-ricevuti relattivi.*

Ikkunsidrat;

**<u>L-Eccezzjonijiet</u>**

[4] Fol. 49 *et seq.*

Wara li l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut giet deciza bis-sentenza in parte tas-27 ta' Ottubru 2016 li ordnat lill-partijiet jghaddu mill-process ta' medjazzjoni, jifdal biex jigu decizi l-kumplament tal-eccezzjonijiet.

**Tielet Eccezzjoni**.

Ikun siewi li qabel xejn tigi trattata t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, li biha eccepixxa li t-talbiet attrici huma milquta bil-preskrizzjoni fit-termini tal-Artiklu 2156(b) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16** jipprovdi hekk:-

**2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

…. Omissis …

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

L-attrici tirribatti din l-eccezzjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tas-26 ta' Settembru 2016, billi ssostni li l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili jipprovdi li fejn il-pretensjoni hija naxxenti minn att pubbliku, il-preskrizzjoni kwinkwennali ma tapplikax. Skont l-attrici, l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment jinsorgi minn att pubbliku fl-atti tan-Nutar Reuben Debono u konsegwentement l-azzjoni ghall-enforzar ta' din l-obbligazzjoni taqa' bid-dekors ta' tletin sena.

Ikkonsidrat;

Bhala regola ġenerali tad-dritt il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili).

**Interruzzjoni tal-Preskrizzjoni**.

In kwantu ghall-kawzi li jiksru l-preskrizzjoni, li huma rravvizati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2127 *et seq.* tal-Kodici Civili, huwa assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li una volta jkun gie stabbilit t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni u l-perkors taz-zmien statutorju, l-oneru tal-prova li tkun

saret interuzzjoni tal-preskrizzjoni u b'liema mod saret l-interruzzjoni, ma jispetta lil hadd hlief lill-attur, u in mankanza ta' tali prova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta. Ma jidhirx mis-sottomissjonijiet li ghamlet l-attrici fir-rigward, li d-difiza taghha kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi msejsa fuq l-interruzzjoni tal-perkors taz-zmien minhabba xi hlas akkont tal-manteniment da parti tal-konvenut, u baqghet ma ressqet ebda prova konkreta fir-rigward, ghalkemm mill-atti jirrizulta li f'xi zmien indeterminat il-konvenut kien ghamel xi pagamenti akkont tal-arretrati tal-manteniment.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**[5]:-

"*il-vera posizzjoni, f'kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilità, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII PII p621).*"

**Sospensjoni tal-Preskrizzjon**

**Artikolu 2123 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"Il-preskrizzjoni ma timxix -
(a) bejn ir-raġel u l-mara;

(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;............"

Fis-sentenza **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem**[6], gie applikat l-artikolu appena citat fis-sens illi l-preskrizzjoni ma timxix *inter alia*, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri.

Ghalkemm jigi osservat li l-attrici lanqas tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-invokazzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikoli appena msemmija, il-Qorti tqis li fir-rigward ghandha tikkunsidra jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jwasslux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Ġaladarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-oppozizzjoni espressa tal-parti

---

[5] Appell Civili 92/97 deciza fit-22 ta' Gunju 2005.
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002. Citata fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Mejju 2016 a fol. 62 *et seq*.

attrici, il-pozizzjoni legali korretta meta din tigi riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tal-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni b'mod generiku u minghajr qies tal-eccezzjonijiet ghar-regola dwar il-preskrizzjoni.[7]

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi f'dawk il-kazijiet fejn, stabbilit it-terminu preskrittiv u l-perkors taz-zmien applikabbli in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda fejn ma tkunx giet invokata s-sospensjoni tal-perkors taz-zmien, hija ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga hija stess minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi. Kif ritenut in propositu:-

*"Ghal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni nsibu li fis-sub-Titolu II tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-ligi telenka l-kazi meta preskrizzjoni hija sospiza billi ma timxix kontra l-assenti, l-wirt battal, bejn ir-ragel u l-mara, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri u kazi simili. Il-lista hija ezawrjenti u ma jidhirx, minn ebda provvedimenti fir-rigward, li l-legislatur halla xi poteri diskrezzjonali fil-gudikant."*[8]

Jinsab ulterjorment rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine**, illi:-

"*ghalhekk la l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' hames snin – anke kieku l-partijiet ma jghidu xejn – il-Qorti dejjem u f'kull kaz, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri u meta mhux awtorizzata mill-provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tichad l-eccezzjoni.*"

Ikkunsidrat;

Illi huwa evidenti li l-attrici mhux qieghda tagixxi f'din il-kawza *de proprio* biex tirkupra l-hlas ta' manteniment dovut lilha, f'liema kaz il-preskrizzjoni xorta wahda ma timxix a tenur tas-subinciz (a) tal-Artikolu 2123[9], izda qieghda tagixxi

---

[7] **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine** (1 ta' Lulju 1997) Appell Civili
[8] **Michael Vella v. Andrew Camilleri**, Appell Civili, deciza 28 ta' Novembru 2003. Ara wkoll **Quintano v. Calleja**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 1993.
[9] Ara fir-rigward tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni bejn il-mizzewgin: **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo`** (Rikors 600/2009), deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014: "..... u l-ligi tissospendi l-preskrizzjoni bejn ir-ragel u l-mara anke jekk bejniethom topera sistema ta' separazzjoni tal-beni. Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taz-zwieg, u dment li dan ghadu jissustixxi, tezisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reciproci. Is-separazzjoni, kif jiddisponi l-Artikolu

biex tirkurpa l-hlas ta' manteniment dovut ghat-tliet uliedha skont it-termini pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni.  Dan il-kuntratt jistipola li l-manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm ulied il-partijiet jaghlqu l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibdew jahdmu fuq bazi *full-time* jew jizzewgu, skont liema avveniment javvera ruhu l-ewwel.

Il-Qorti tosserva illi l-manteniment li l-konvenut intrabat li jhallas f'dan il-kaz, huwa dovut lil uliedu, u dan in linea mad-dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez dovuti ghas-sahha u edukazzjoni.  Il-Kodici Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

*(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

**Artikolu 19**

*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*
*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom*.

**Artikolu 54**

… omissis …

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied ...*

… omissis …"

[sottolinejar tal-Qorti]

---

35 tal-Kodici Civili, iggib fi tmiemha "l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien", pero`, ma ttemmx ir-rabta."

Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.

Madanakollu, hawnhekk irid jittiehed qies tal-fatt illi ghalkemm hija l-attrici, omm l-ulied, li qed tezercita l-azzjoni ghall-hlas ghall-manteniment, dan qieghda taghmlu ghaliex skont l-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaci li joqghodu wahedhom f'kawza bhala atturi jew bhala konvenuti. Jirrizulta wkoll illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attrici ghandha d-dritt tippercepixxi hi stess il-hlas tal-manteniment dovut ghal ulied il-partijiet. Izda l-ftehim bejn il-partijiet li r-ricevitur tal-manteniment dovut lill-ulied ghandha tkun l-attrici, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attrici huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bhala dritt moghti lilhom mil-ligi. Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni, u fil-kaz odjern huwa wkoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment.

Madanakollu, kif gia` stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewgin. Ghalhekk, irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn d-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' wliedu minuri obbligat ghall-manteniment taghhom, kif ukoll bhala zewg l-attrici li ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' wliedha, hija sospiza u ma timxix.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 16[10] il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet kienet sospiza sakemm dak il-wild ghalaq l-eta` maggorenni. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta` maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li fid-data meta giet intavolata l-azzjoni odjerna mill-attrici, cioe` fil-25 ta' Gunju 2014, tnejn biss minn ulied il-partijiet kienu ghadhom minuri. Dan jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu fejn gie stipolat li fl-4 ta' Jannar 2007, E kellu erbatax-il sena, Fh kellha disa' snin u G

[10] "Il-preskrizzjoni mibdija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospensjoni taghha".

kellha hames snin.  Dan ifisser li f'Gunju 2014, ftit iktar minn seba' snin wara, E diga` kellu mill-inqas 21 sena izda l-bniet kienu ghadhom taht l-eta`.

Ghalhekk billi meta nfethet din il-kawza, iz-zewgt ulied bniet tal-partijiet kienu ghadhom minorenni, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna t-talba ghall-hlas ghall-manteniment dovut lilhom rispettivament, ma tistax titqies li hija preskritta ghaliex il-preskrizzjoni kienet ghadha lanqas bdiet miexja kontra l-minuri. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut ghal Fh u G qed tigi michuda.

In kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talbiet attrici fejn dawn jikkoncernaw il-manteniment dovut ghal bin il-partijiet, E, il-Qorti tqis illi l-preskrizzjoni kienet sospiza sakemm it-tifel ghalaq l-eta` maggorenni, u sakemm kien ghadu minorenni, l-attrici kellha d-dritt tagixxi gudizzjarment sabiex tesigi l-hlas tal-arretrati dovuti skont il-kuntratt mill-konvenut ghal ibnu.

Izda billi ghaddew biss tliet snin mid-data meta l-minuri ghalaq l-eta` maggorenni meta l-attrici fethet din il-kawza, it-talbiet taghha ghall-hlas tal-arretrati ghall-manteniment, talanqas dak il-manteniment dovut ghaz-zmien meta l-imsemmi tifel kien ghadu minuri u kien ghadu ghalhekk taht inkapacita` legali li joqghod in gudizzju, m'humiex preskritti lanqas fir-rigward ta' E.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Ikkunsidrat;

**Locus Standi dwar Manteniment dovut ghal Ulied Maggorenni**.

**It-Tieni Eccezzjoni**.

F'dan l-istadju, il-Qorti sejra tittratta t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, cioe` illi l-attrici hija prekluza milli tressaq it-talbiet odjerni fir-rigward ta' iben il-partijiet E, ghaliex fid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna huwa kien diga` lahaq il-maggor eta` u kwindi l-attrici ma ghandhiex kompetenza tidher ghalih f'dawn il-proceduri.

L-eccezzjoni taqra kif gej:-

"Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, l-attriċi hija prekluża milli tressaq it-talbiet odjerni in kwantu dawn jikkonċernaw lil iben il-partijiet E D li fid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf odjern kien diġa laħaq l-eta'.  Tassew, l-attriċi ma għandiex il-kompetenza li f'dawn il-proċeduri tidher għal binha E D."

Necessarju ghalhekk jigi kjarifikat x'inhi titlob l-attrici. Permezz tal-ewwel talba taghha l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara u tikkonferma illi l-intimat C D huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti A B ghas-somma ta' €27,589.80 rapprezentanti €328.45 kull xahar ghal 7 snin konsekutivi, kif ukoll l-ammont ta' €14,000 rapprezentanti spejjez edukattivi ghat-tlett ulied, cioe' €2,000 kull sena ghal 7 snin. Fit-tieni talba titlob illi l-Qorti tillikwida, tivverifika u ticcertifika illi tali ammont globali dovut rapprezentanti manteniment u spejjez edukattivi huwa wiehed cert u dovut, u fin-nuqqas tasal ghall-ahjar komputazzjoni taghha fl-interess ukoll tal-minuri u l-hlas tal-istess manteniment u spejjez edukattivi li l-intimat C D naqas li jonora.

Skont l-attrici it-talba taghha hija naxxenti mill-obbligazzjoni assunta mill-konvenut fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono fl-4 ta' Jannar 2007 senjatament **klawsola 5** li taqra kif gej:-

"Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jivversa s-somma ta' Lm141 kull xahar lil martu bhala manteniment ghal uliedu u cioe' Lm47 ghal kull wild, pagabbli kull xahar bil-quddiem. Ir-ragel jibqa' obbligat li jivversa l-imsemmija somma lill-mara sakemm uliedu jaghlqu t-tmintax (18)-il sena, jew jibdew jahdmu fuq bazi *full-time*, jew jizzewgu, liema minnhom tavvera ruhha l-ewwel. F'kaz li xi hadd mill-ulied ma jibqax jirrisjedi ma' l-omm, il-manteniment li jikkoncerna dan il-wild jittermina *ipso facto*. ..........."

**Klawsola 6** tal-precitat kuntratt tipprovdi:-

"Il-Partijiet qeghdin jintrabtu illi l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri ghandhom jigu ssupportati miz-zewg partijiet f'ishma ndaqs bejniethom, u ghaldaqstant ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jhallas nofs l-imsemmija spejjez wara li l-Mara tipprezenta r-ricevuti relattivi."

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-attrici tillimita l-pretensjoni taghha specifikatament ghall-arretrati tal-manteniment dovuti fuq perijodu ta’ seba’ snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, ossia mill-4 ta’ Jannar 2007 sa Jannar 2014, u kkwantifikat il-pretensjoni taghha fis-somma preciza ta’ €27,589.80. Jigi osservat ukoll illi ghalkemm skont il-kuntratt, il-manteniment pattwit ta’ Lm141 fix-xahar kellu jibda jithallas minn (u inkluz) Settembru 2006, u ghalkemm in effetti ghaddew iktar minn hames xhur ohra minn Jannar 2014 sakemm attwalment infethet din il-kawza fil-25 ta’ Gunju 2014 meta tnejn minn uliedha kienu ghadhom minuri, jirrizulta li l-attrici ma inkludietx dawn l-arretrati tal-manteniment fil-kwantifikazzjoni tal-pretensjoni taghha.

Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li fit-tieni talba taghha fir-rikors promotur, l-attrici talbet li jigi komputat il-manteniment dovut fuq il-perkors taz-zmien li l-konvenut naqas milli jonora l-obbligu tieghu tal-hlas, u filwaqt ukoll li hija xehdet kategorikament li ghajr ghal xi ammonti matul is-snin il-konvenut ma hallas assolutament xejn in linea ta' manteniment, anke minn qabel ma gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni, fit-tielet talba taghha l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas,manteniment kwantifikat espressament fl-ammont ta' €27,589.80. B'hekk il-Qorti hija prekluza milli tikkundanna lill-konvenut ihallas somma ikbar minn dik specifikatament mitluba, anke jekk jirrizulta mill-provi li somma ikbar hija effettivament hekk dovuta, ghaliex inkella tkun qed taggudika *ultra petita*.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable plc vs Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjon**i[11], fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat kif gej:-

*"Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio.*"

Gie ritenut ukoll in materja, li:-

*"... id-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet tkun ultra petita li kieku dik il-Qorti akkordat l-ammont in eccess tas-somma indikata mill-attur fic-citazzjoni, u mhux jekk fil-kors tal-provi jirrizulta li fuq partita elenkata fil-prospett tal-attur l-ammont indikat minnu jkun inferjuri ghal dak li jirrizulta mill-provi.*"[12]

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-hlasijiet pretizi referibbli ghal perijodu ta' seba' snin u dejjem sal-limitu espressament mitlub mill-attrici.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li r-raba' eccezzjoni tal-konvenut li l-attrici jehtigilha tressaq prova li ma ppercepietx il-manteniment minnha pretiz, hija infondata. Bhala regola generali, m'huwiex mistenni li xi parti jaghmel prova negattiva, ghalkemm jigi osservat li fatt negattiv jista' jigi dimostrat permezz ta' presunzjonijiet jew billi tigi prodotta prova ta' fatt pozittiv kuntrarju. Izda certament, f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ma jistax jispetta lill-attrici tipproduci prova

[11] Appell Civili (Inferjuri), 13 ta' Frar, 2009.
[12] **Saviour Camilleri vs Anthony Baldacchino** – Qorti tal-Appell, deciza 29 Mejju 2015.

ta' pagament li qed tippretendi li ma sarx lilha. Dan in omagg ghall-principju *negativa non sunt probanda.*

Hawnhekk il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kontrastanti: [i] il-verzjoni tal-attrici li l-konvenut ma hallas kwazi ebda manteniment kwalsiasi skont il-kuntratt tas-separazzjoni fuq perijodu ta' diversi snin, u [ii] il-verzjoni tal-konvenut illi dan il-hlas ma sarx ghaliex huwa diga` hallas avvanz tal-manteniment lil martu meta ma rceviex, mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, sehmu shih fis-somma ta' Lm70,000 b'rifuzjoni tal-kreditu parafernali, izda biss is-somma ta' Lm50,000. Skont il-konvenut, huwa ghazel biex jiehu s-somma ta' Lm20,000 inqas, sabiex jaghti lil martu avvanz fuq il-manteniment tat-tfal.

Bhala punt ta' dritt jinghad li huwa assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi lill-konvenut abbazi tal-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[13]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati, izda l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li titnissel certezza morali f'mohh il-gudikant, indotta minn preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet[14].

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-verzjoni tal-konvenut dwar l-allegat avvanz li hallas lil martu ghall-manteniment dovut ghal uliedhom. Qabel xejn, tosserva li din il-verzjoni ma hiex riflessa f'xi wahda mill-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta guramentata tal-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut sawwar din il-verzjoni waqt il-kontro-ezami tal-attrici, u amplifika fuqha sussegwentement fl-Affidavit tieghu. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi l-verzjoni tal-konvenut fir-rigward, ma tinsab sorretta minn ebda prova kwalsiasi. Il-Qorti tifhem illi kieku verament sar xi ftehim bejn il-partijiet biex isir avvanz lill-attrici fuq il-hlas tal-manteniment pattwit fuq il-kuntratt ta' separazzjoni bi tpacija mal-allegat kreditu parafernali tal-konvenut, wiehed jistenna li l-konvenut kien jesigi li dan l-arrangament jigi dokumentat b'xi mod fil-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu, f'att separat eventwali jew talanqas f'xi ricevuta ffirmata mill-attrici, u dan appuntu biex jevita li jkun kostrett li jhallas doppjament jew ikun espost ghas-sanzjonijiet kriminali tan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment liema sanzjonijiet jinkludu piena karcerarja.

---

[13] **Camilleri vs Cauchi et** – Appell Inferjuri – deciza 22 ta' Novembru 2002.
[14] Ara in propositu: **Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – deciza 8 ta' April 1994; **B vs Manager tal-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – deciza 17 ta' Lulju 1981; u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali, deciza 25 ta' Frar 1952.

Filwaqt li m'hemm ebda accenn ghal dan il-kreditu fil-kuntratt ta' separazzjoni, lanqas jirrizulta mill-provi akkwiziti fl-atti li l-konvenut kellu xi kreditu parafernali li kien dovut lilu mill-attrici, wisq inqas li dan il-kreditu kellu jintradd lura mill-attrici jew jigi pacut mal-hlas tal-manteniment. In propositu, fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ftiehmu espressament is-segwenti:-

*"9. Il-partijiet qeghdin jaqblu u jiftiehmu illi l-fond, gja` d-dar matrimonjali, bin-numru sbatax (17) bl-isem "Anfield" fi Triq Carmelo Schembri gewwa l-Mosta, ghandu jinbiegh lil terzi u di fatti l-partijiet iddikjaraw li diga` dahlu f'konvenju ma' terzi u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-komparenti partijiet wara li jithallas id-dejn gravant l-istess fond u djun ohra li jista' jkun hemm.*

… omissis …

*16. Salv ghal dak hawn fuq pattwit, il-partijiet jiddikjaraw li huma sodisfatti bil-prezenti likwidazzjoni u qsim u li ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin f'dan ir-rigward u jiddikjaraw li huma waslu ghal dan il-ftehim biex jevitaw proceduri ulterjuri bejniethom.*"

Jirrizulta ghalhekk li l-kuntratt ta' separazzjoni huwa pjuttost inekwivoku fis-sens li m'hemm ebda kreditu parafernali dovut lill-konvenut, wisq inqas xi obbligu ta' tpacija ta' dan il-kreditu, mal-manteniment dovut mill-konvenut skont l-istess kuntratt.

Ghall-kompletezza, il-Qorti tosserva li filwaqt li l-obbligazzjonijiet jigu estinti biss b'wiehed mill-modi elenkati fil-Kodici Civili[15], fil-kaz tat-tpacija il-ligi hija inekwivoka illi t-tpacija *ipso jure* ma ssirx meta d-dejn hu ghal manteniment li ma jkunx soggett ghal sekwestru[16].

Inoltre jigi osservat illi l-konvenut ma jichadx il-verzjoni attrici li huwa hallas f'xi zmien xi pagamenti akkont tal-manteniment. Dawn il-pagamenti akkont ikomplu jxejnu l-verzjoni tieghu dwar l-avvanz fil-hlas.

Ferm il-premess, il-Qorti tikkonsidra l-pretensjoni tal-konvenut appena kkonsidrata bhala totalment infondata u ghalhekk qed tiskartaha.

Ikkunsidrat;

Illi da parti taghha, l-attrici ssejjes il-pretensjonijiet taghha f'din il-kawza fuq l-obbligazzjoni tal-konvenut naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni li jistipola li

---

[15] Sub-titolu V, Titolu III tat-Tieni Ktieb (Taqsima II).
[16] Artikolu 1199 tal-Kodici Civili.

huwa obbligat ihallas manteniment kull xahar ghal kull wiehed minn uliedu fis-somma ta' Lm47, jew somma komplessiva ta' Lm141. L-attrici tghid illi l-konvenut minn mindu gie konkluz il-kuntratt in kwistjoni fl-4 ta' Jannar 2007, ghamel biss ftit pagamenti sporadici u erratici akkont tal-manteniment li, mix-xhieda taghha jirrizulta li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' cirka €1,250.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-attrici ppruvat sodisfacentement li l-konvenut naqas milli jhallas il-manteniment minnu dovut skont il-kuntratt ghajr ghal dawk l-ammonti li l-attrici stqarret li rceviet minghandu. Ghalhekk, wara li qieset il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda ta' Domenica B, il-Qorti tqis li t-tezi tal-attrici hija veritjera u ferm iktar attendibbli minn dik tal-konvenut u ghalhekk sejra taghti affidabbilita` lill-verzjoni attrici.

Ikkunsidrat;

Il-kuntratt ta' separazzjoni huwa car li l-obbligu ghall-hlas tal-manteniment jispicca hekk kif il-wild rispettiv jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena. Jispicca qabel jekk il-wild jibda jahdem fuq bazi *full-time* jew jizzewweg qabel jilhaq l-eta`1 maggorenni. L-attrici naqset milli ggib il-prova tad-data tat-twelid ta' wlied il-partijiet sabiex jista' jigi facilitat, anke fin-nuqqas ta' prospett guramentat, il-konstatazzjoni tad-data li fiha l-ulied rispettivi taghhom lahqu l-eta` maggorenni. Kif gia` osservat, fil-kuntratt ta' separazzjoni li gie konkluz fl-4 ta' Jannar 2007, il-partijiet premettew li E kellu erbatax-il sena, Fh kellha disa' snin u G kellha hames snin. Dan ifisser li E ghalaq l-eta` ta' tmintax-il sena, fis-sena 2011, cioe' tlett snin circa qabel giet intavolata l-kawza odjerna fis-sena 2014[17], meta Fh u G kienu ghadhom minuri.

Jirrizulta ghalhekk illi t-talbiet attrici fir-rigward ta' binha E m'humiex gustifikati *in toto*, fis-sens illi l-konvenut ma setax kien marbut li jhallas manteniment ghal ibnu ghal seba' snin shah, izda ghal erba' snin biss, sakemm ibnu ghalaq l-eta` maggorenni fl-2011. Dan ifisser illi jekk il-konvenut ma hallas ebda manteniment kwalsiasi wara l-kuntratt ta' separazzjoni, l-ammont komplessiv minnu dovut ghal ibnu ma jeccediex is-somma ta' Lm2,256 ekwivalenti ghal €5,255.07.

Kif inghad, l-attrici naqset milli tressaq il-prova tad-data tat-twelid ta' uliedha u ghalhekk id-data preciza li fiha E sar maggorenni ma tirrizultax mill-atti. Fil-fehma tal-Qorti kien l-oneru taghha li tressaq tali prova tenut kont illi l-

[17] Fil-25 ta' Gunju 2014.

manteniment minnha reklamat ai termini tal-kuntratt huwa dovut, salv iz-zewg cirkostanzi hemm kontemplati, sal-jum li fih jaghlaq 18-il sena. Fil-kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat fl-4 ta' Jannar 2007 jinghad illi E kellu dakinhar 14-il sena. Meta l-kawza odjerna giet intavolata fil-25 ta' Gunju 2014 jinghad illi E kellu 21 sena. Ladarba fil-25 ta' Gunju 2014 E kellu 21 sena, isegwi illi fil-25 ta' Gunju 2007 huwa kien ghadu fl-eta' ta' 14-il sena. Il-Qorti ghalhekk ser tqis illi ghall-finijiet ta' din il-kawza E ghalaq l-eta' ta' 18-il sena fis-26 ta' Gunju 2011 meta allura waqaf l-obbligu tal-konvenut li jhallas manteniment fl-interess ta' E.

Jirrizulta pjuttost, mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici in kontro-ezami[18], li uliedha kollha ghadhom sal-lum joqghodu maghha u illi E beda jahdem fuq bazi *full-time* xi sitt snin qabel, cioe` meta kellu 19-il sena.

In kwantu ghal bint il-partijiet, Fh, il-manteniment dovut lilha mill-konvenut tul perijodu ta’ seba’ snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, jammonta ghas-somma komplessiva ta’ Lm3,948 jew €9,196, u l-istess jghodd ghall-manteniment dovut ghal G, cioe` somma ohra ta’ €9,196.

Dan igib total ta’ arretrati ta’ manteniment dovuti mill-konvenut skont il-kuntratt ghat-tliet uliedu, fis-somma komplessiva ta’ €23,647.07

Il-Qorti madanakollu, anke fin-nuqqas ta’ provi konkreti fir-rigward, ma tistax twarrab l-istqarrija spontaneja tal-attrici li l-konvenut hallas is-somma ta’ €200 u somma ohra ta’ €150 fis-sajf tal-2013 billi ghamel depozitu fil-kont bankarju tal-attrici[19], kif ukoll tliet pagamenti ta’ €300 il-wiehed[20], tramite s-siehba tieghu. Il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammonti imsemmija fil-komputazzjoni tal-ammont finali dovut. Is-somma komplessiva tal-pagamenti li skont l-attrici saru mill-konvenut akkont tal-manteniment matul is-seba’ snin mill-kuntratt hija elf mitejn u hamsin ewro (€1,250). Ghalhekk il-bilanc dovut mill-konvenut in linea ta’ manteniment ai termini tal-klawsola 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni, huwa fis-somma ta’ tnejn u ghoxrien elf, tlett mija u sebgha u disghin ewro (€22,397).

Il-Qorti mhux sejra tikkonsidra fil-komputazzjoni tal-ammont tal-manteniment dovut, iz-zieda fil-manteniment kull sentejn skont kif kontemplat fl-imsemmija klawsola 5 tal-kuntratt, u dan ghaliex ma tressqu ebda provi fir-rigward u certament li l-Qorti m’hijiex mistennija tfittex u tahdem hija stess iz-zieda pretiza mill-attrici meta kien bla dubju fl-interess esklussiv taghha li tressaq il-provi u taghmel il-komputazzjonijiet necessarji taz-zieda fil-manteniment dovut.

[18] Seduta tal-21 ta’ Novembru 2017.
[19] Ara kontro-ezami tal-attrici a fol. 110, seduta tal-21 ta’ Novembru 2017.
[20] Affidavit tal-attrici datat 24 ta’ Gunju 2015 u kontro-ezami tal-attrici a fol. 111.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut in linea ta' hlas ta' arretrati ta' manteniment fir-rigward tat-tlett ulied minuri fis-somma ta' tnejn u ghoxrien elf, tlett mija u sebgha u disghin ewro (€22,397).

**Hlas ta' Spejjez Edukattivi u Medici (Klawsola Numru 6 tal-Kuntratt)**

L-attrici titlob ukoll il-hlas tas-somma ta' "*€14,000 rapprezentati spejjez edukattivi ghat-tliet ulied tal-partijiet, cioe` €2,000 kull sena ghal seba' snin*".

Il-konvenut jirribatti billi jeccepixxi li l-attrici naqset milli tottempera ruhha mal-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni li tistipola espressament illi l-obbligu tar-ragel li jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u medicina ghall-minuri, jiskatta wara li l-Mara tipprezenta r-ricevuti relattivi.

Il-Qorti tqis li ma tantx hemm wisq x'jinghad dwar din it-talba attrici. L-attrici tistqarr illi hija qatt ma pprezentat ebda ricevuti lill-konvenut dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni ghaliex hija qatt ma ratu jew kellha ebda kuntatt mieghu wara s-separazzjoni apparti li kien jghix barra minn Malta. L-attrici naqset ukoll milli tipprezenta dawn ir-ricevuti fl-atti u l-Qorti ma tistax ma tosservax li hija naqset bl-iktar mod assolut milli tissostanzja t-talba taghha ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez. Tqis illi huwa ftit inspjegabbli, f'kawza fejn qed jintalab il-hlas ta' rifuzjoni ta' spejjez imhallsin in konnessjoni mal-edukazzjoni ta' wlied, kif lanqas giet esebita imqar ricevuta wahda dwar l-infiq li l-attrici tghid li ghamlet fir-rigward.

Ghalkemm il-Qorti ma ghandha ebda dubju li f'seba' snin l-attrici kellha tixtri uniformijiet, kotba u thallas ghat-transport tal-iskola ta' wliedha, in mankanza ta' ebda prova kwalsiasi in sostenn tat-talbiet taghha fir-rigward, il-Qorti ma tistax hlief tapplika l-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Tqis li hija prekluza wkoll, fic-cirkostanzi, milli tuza d-diskrezzjoni taghha biex tillikwida xi ammont *arbitrio u boni viri* u dan fuq l-iskorta tal-guriprudenza in materja li tirritjeni li l-Qorti ghandha tuza s-setgha diskrezzjonali taghha u tillikwida somma abbazi ta' ezercizzju ekwitattiv biex taghmel gustizzja ma' l-attur, meta jkun difficcli li jitressqu provi konkreti[21] jew li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u mhux meta, minghajr ebda gustifikazzjoni, ma jkunu tressqu ebda provi

F'dan ir-rigward, issir referenza wkoll ghal dak deciz fil-kawza fl-ismijiet **Mark Schembri & Associates Limited vs Tarkett Holding GmbH**[22], fejn sar riassunt

---

[21] Ara **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2014.

[22] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar 2015.

car u dettaljat tal-principji applikabbli f'din il-materja u gie ritenut li meta jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf:-

"*… forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit; Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva.*"

Din il-Qorti ma tqisx li kien kompletament impossibbli ghall-attrici li tressaq provi skjetti u precizi dwar l-ammont lilha dovut, u ma tistax twarrab il-fatt li l-attrici naqset ukoll milli tikkwantifika mqar permezz ta' prospett, is-somma mitluba ta' €2,000 fis-sena. In propositu, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Victor Balzan et**[23] fejn gie ritenut illi: -

*"Jigi rilevat illi s-socjeta` attrici naqset illi tipprova l-kaz taghha, ghalkemm dan l-oneru kien jinkombi lilha. ... Din l-ekwita` tigi ezercitata meta l-attur ikollu dritt u ma jistax jigi ssuffragat hlief tramite l-opera tal-ekwita`. Li kieku t-Tribunal kellu jezercita din id-diskrezzjoni, ikun qieghed jikkommetti ingustizzja aktar kbira mal-istess konvenuti."*

Konformament mal-premess, fil-karenza totali ta' provi u mehud qies ukoll tal-fatt li l-attrici sfuggielha wkoll li l-konvenut kien obbligat li jrodd lura biss nofs l-ispejjez li jkunu ntefqu ghall-edukazzjoni u medicina tal-minuri u mhux l-ammont intier kif donnu tippretendi l-attrici fid-depozizzjonijiet taghha, il-Qorti qed tichad it-talba taghha ghall-hlas ta' xi somma in linea ta' spejjez edukattivi tal-minuri.

## Decide

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ghar-ragunijiet fuq premessi, tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u filwaqt li tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni fis-sens hawn fuq imfisser, tilqa' parzjalment is-sitt eccezzjoni, tilqa' parzjalment l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici billi;

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment fir-rigward tat-uliedu;

---

23 Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri nhar it-23 ta' Gunju 2004 [Appell Civili Numru 589/2001].

2. Tillikwida l-ammont ta' arretrati dovuti fis-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, tliet mija u sebgha u disghin Euro (€22,397);

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, tliet mija u sebgha u disghin Euro (€22,397).

Tenut kont ir-rebh u t-telf rispettiv tal-partijiet il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**